

V

(Avviżi)

PROĊEDURI AMMINISTRATTIVI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

MEDIA Mundus – Sejħa għall-proposti 2011

(2010/C 199/04)

1. Għanijiet

Din is-Sejħa għall-Proposti hija bbażata fuq id-Deċiżjoni Nru 1041/2009/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 li tistabbilixxi programm ta' kooperazzjoni awdjoviżiva ma' professjonisti minn pajjiżi terzi (MEDIA Mundus 2011-2013) ⁽¹⁾.

L-għanijiet tal-programm huma li tiżdied il-kompetittività tal-industrija awdjoviżiva Ewropea, biex l-Ewropa tkun tista' twettaq ir-rwol kulturali u politiku tagħha fid-dinja b'mod aktar effettiv u li tiżdied l-għażla tal-konsumaturi u d-diversità kulturali. Il-programm ser ifittex li jtejjeb l-aċċess għas-swieq ta' pajjiżi terzi u li jibni l-fiduċja u relazzjonijiet tax-xogħol fit-tul.

Il-Programm Media Mundus jappoġġa proġetti ta' kooperazzjoni bejn il-professjonisti Ewropej u l-professjonisti mill-pajjiżi terzi, għall-benefiċċju reċiproku tas-settur awdjoviżiv Ewropew u dak tal-pajjiżi terzi.

2. L-azzjonijiet eliġibbli

L-azzjonijiet deskritti fil-qosor huma:

- *Azzjoni 1 – Appoġġ għat-taħriġ*: din l-azzjoni timmira li ssaħħaħ il-ħiliet tal-professjonisti Ewropej u dawk tal-pajjiżi terzi.
- *L-Għażla 1 tappoġġa l-inklużjoni tal-istudenti/professjonisti u l-għalliema minn pajjiżi mhux membri tal-UE fi skemi ta' taħriġ inizjali jew kontinwi appoġġati mill-programm MEDIA 2007* ⁽²⁾;
- *L-Għażla 2 tappoġġa l-ħolqien ta' skema ta' taħriġ kontinwu speċifiku għall-MEDIA Mundus*
- *Azzjoni 2 – Appoġġ għall-aċċess tas-suq*: din l-azzjoni tappoġġa proġetti li jippromwovu l-aċċess għas-swieq internazzjonali għal xogħlijiet awdjoviżivi. Dawn il-proġetti jikkonċernaw l-iżvilupp u/jew il-fażi-jiet ta' qabel il-produzzjoni (pereżempju s-swieq internazzjonali ta' koproduzzjoni) u attivitajiet iktar avvanzati (avvenimenti li jiffaċilitaw il-bejgħ internazzjonali tax-xogħlijiet).
- *Azzjoni 3 – Appoġġ għad-Distribuzzjoni u ċ-Ċirkolazzjoni*: din l-azzjoni tippromwovi d-distribuzzjoni, il-promozzjoni, il-wiri u t-tixrid ta' xogħlijiet Ewropej fi swieq ta' pajjiżi terzi u ta' xogħlijiet awdjoviżivi minn pajjiżi terzi fl-Ewropa fl-aħjar kundizzjonijiet.

⁽¹⁾ ĠU L 288, 14.11.2009, p. 10.

⁽²⁾ Tista' tinkiseb iktar informazzjoni minn dan l-indirizz: <http://ec.europa.eu/media>. Il-Programm MEDIA 2007 ġie stabbilit mid-Deċiżjoni Nru 1718/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Novembru 2006 dwar l-implementazzjoni ta' programm ta' appoġġ lis-settur awdjoviżiv Ewropew (MEDIA 2007).

- *Azzjoni 4 – Attivitàjiet komuni*: din l-azzjoni tappoġġa proġetti ta' natura komuni, jiġifieri li jolqtu iktar minn prijorità waħda ta' dan il-programm, pereżempju taħriġ li warajh isiru avvenimenti ta' promozzjoni flaqgħat ta' koproduzzjoni.

Din is-sejħa tkopri proġetti li jibdew bejn l-1 ta' Frar 2011 u l-31 ta' Diċembru 2011 u l-proġetti għandhom ikunu lesti qabel il-31 ta' Marzu 2012. L-ispejjeż ta' tħejjija għall-proġetti huma eliġibbli mhux qabel l-1 ta' Jannar 2011.

3. Il-Kandidati Eliġibbli

Il-proġetti li se jiġu ffinanzjati minn MEDIA Mundus għandhom:

- Jiġu proposti u implimentati b'mod konġunt minn professjonisti Ewropej u minn pajjiżi terzi sabiex ikunu eliġibbli għal finanzjament mill-programm.
- Jippromwovu n-netwerking internazzjonali. Għal dan il-għan, minbarra l-proġetti mressqa taħt l-Azzjoni 1 – Għażla 1, kull proġett għandu jitmexxa u jiġi implimentat minn grupp li jissodisfa tliet kriterji:
 - (1) Il-grupp għandu jkollu mill-inqas tliet imsieħba (inkluż il-koordinatur). Madankollu, proġetti b'żewġt isħab biss jistgħu jiġu ammessi meta n-netwerking meħtieġ ikun iggarantit. In-netwerking jiġi garantit jekk il-koordinatur tal-proġett ikun netwerk Ewropew ta' professjonisti/kumpaniji awdjoviżivi li jkopru iktar minn għaxar Stati Membri Ewropej.
 - (2) Il-koordinatur tal-grupp għandu jkollu l-uffiċċju rreġistrat tiegħu fi Stat Membru tal-Unjoni Ewropea jew fl-Islanda, il-Liechtenstein jew in-Norveġja ⁽¹⁾.
 - (3) Il-grupp għandu jinkludi mill-inqas ko-benefiċjarju wieħed marbut mas-settur awdjoviżiv li jkollu uffiċċju rreġistrat f'pajjiż mhux fl-UE (minbarra l-Kroazja u l-Isvizzera ⁽²⁾).

Il-kundizzjonijiet speċifiċi qegħdin stipulati fil-Programm ta' Ħidma ta' MEDIA Mundus 2011.

4. Il-Kriterji tal-għażla

Se jingħataw punti lill-applikazzjonijiet eliġibbli minn total ta' 100 fuq il-bażi tal-kriterji li ġejjin:

- Il-kwalità tal-kontenut tal-attività (Massimu: 25 punt, Il-limitu minimu għandu jintlaħaq: 50 %)
- Il-ġestjoni tal-Proġett (Massimu: 25 punt, Il-limitu minimu għandu jintlaħaq: 50 %)
- Id-dimensjoni internazzjonali u Ewropea u valur miżjud (Massimu: 30 punt, Il-limitu minimu għandu jintlaħaq: 50 %)
- Impatt (Massimu: 20 punt, Il-limitu minimu għandu jintlaħaq: 50 %)

5. Il-Baġit għall-proġetti

L-ammont disponibbli għal din is-sejħa għall-proposti hu ta' EUR 4 939 835. L-appoġġ finanzjarju mill-Kummissjoni ma jistax jaqbeż 50 %, 60 % jew 70 % tal-ispejjeż totali eliġibbli, skont in-natura tal-attività.

Il-kontribut finanzjarju se jingħata fil-forma ta' għotja.

6. Id-data tal-għeluq għall-preżentazzjoni tal-proposti

L-applikazzjonijiet iridu jintbagħtu qabel il-15 ta' Ottubru 2010 lil:

Ms Aviva Silver
European Commission
Directorate-General for Education and Culture
Directorate D — Culture and Media
Unit D3 — MEDIA programme and media literacy
Office MAD0 18/68
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

⁽¹⁾ Il-parteċipazzjoni tal-Islanda, il-Liechtenstein u n-Norveġja għad trid tiġi kkonfermata.

⁽²⁾ F'dan l-istadju, il-parteċipazzjoni tal-Kroazja u tal-Isvizzera għadha pendenti. F'dan il-każ, il-koordinatur (il-punt 2) jista' wkoll ikollu uffiċċju rreġistrat fil-Kroazja jew l-Isvizzera.

7. Informazzjoni sħiħa

Il-Linji Gwida tal-Programm ta' Ħidma u l-formoli tal-applikazzjoni huma disponibbli fl-indirizz li ġej:
<http://ec.europa.eu/media>

L-applikazzjonijiet għandhom jikkonformaw mat-termini kollha tal-linji gwida, għandhom jittressqu fuq il-formoli pprovduti u għandu jkun fihom l-informazzjoni u l-Annessi kollha speċifikati fit-test sħiħ tas-sejħa
